MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 256/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs.**

**Jean Claude Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **Jean Claude Mercieca**, ta' sbatax (17) il-sena, bin missier mhux maghruf u Silvana neé Mercieca, imwieled Pieta' nhar it-13 t'Awwissu 1994, residenti 36, Ann Paul, Triq l-14 ta' Dicembru 1945, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 353994(M), akkuzat talli nhar l-4 ta' Marzu 2012 ghall-habta tat-3.30am gewwa l-MFCC, Ta' Qali, Rabat:

[1] Dok. "X", *a fol.* 38 *et seq.*

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé PS 404 Paul Camilleri u PS 635 Alan Calleja, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghaw fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioé fuq il-persuni ta’ PS 404 Paul Camilleri u PS 635 Alan Calleja;

3. ikkaguna griehi volontarji ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PS 404 Paul Camilleri, skont kif iccertifika Dr. Andrew Atkins M.D. Reg. No. 302 ta’ l-Isptar Mater Dei;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 404 Paul Camilleri u PS 635 Alan Calleja;

5. fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

6. ikkommetta reat waqt li kien taht ordni (Kap. 446 Art. 22) moghtija mill-Qorti ta’ Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar id-9 ta’ Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

7. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar id-9 ta’ Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

8. sar recediv b’sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta preseduti mill-Magistrati Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar id-9 ta’ Novembru 2011 u Dr. F. Depasquale LL.D.

nhar id-9 ta’ Frar 2012, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 40).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ April 2012, xehed **Dr. Andrew Atkins** (*a fol.* 35*)* fejn dan ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku mahrug minnu *a fol.* 13. Jispjega kif il-persuna li ezamina, cioé Paul Camilleri, kellu ksur ta’ l-parti ta’ x-xedaq ta’ fuq u klassifika l-griehi bhala gravi peress li kien hemm ksur.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ April 2012, xehed ukoll **PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 36 *et seq.*). Dan xehed illi fil-lejl ta’ l-4 ta’ Marzu 2012 kien xoghol il-Boogie Nights u ghal habta tat-3.00am accedew gewwa l-VIP minhabba li kellhom indikazzjoni li kien hemm xi hadd b’*suit* bajda li kien qed imexxi xi affarijiet suspettuzi. Jispjega li dan il-persuna kien Malcolm Buttigieg, li hekk kif inhareg mill-VIP area, mieghu hargu numru ta’ persuni, fosthom l-imputat. Jispjega kif din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv u li wara li Buttigieg gie rilaxxat, Buttigieg kien qallu li kien “pulcinell” u hekk kif mar biex jarrestah (PS 404 lil Buttigieg), l-imputat ta daqqa lil PS 404 fuq in-naha tal-lemin ta’ wiccu, b’liema daqqa spicca waqa’ ma’ l-art. Jixhed li setgha jara wicc l-imputat sew u li wara li gara

dan, kemm Buttigieg u kif ukoll l-imputat harbu jigru. Jispjega kif Buttigieg rega' gie identifikat, li flimkien mieghu kien hemm l-imputat, u li l-imputat kien innega li kien hu li kien ta d-daqqa lil PS 404 pero hekk kif Buttigieg kien ser jigi arrestat, l-imputat ikkonferma li kien hu li kien ta d-daqqa. Jispjega li kif PS 826 mar biex jarrestah lill-imputat, dan irrezista l-arrest, tefaghhom ma' l-art u b'xi mod dahluh 'il gewwa minhabba li kien hemm shabu qed jostakolawh. Jispjega wkoll illi hekk kif l-imputat gie mlibbes il-manetti dan intefa' ma' l-art minn tulu b' wiccu 'il fuq u ma setghux ikaxkruh u li tul il-hin kollu l-imputat beda jghidlu li hu kien tahielu d-daqqa. Ikkonferma wkoll li wara rrizultalu li kellu ksur fis-saqaf ta' halqu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 41 *et seq.*) li xehed fil-lejl in kwistjoni kien xoghol f'Ta' Qali fejn kien qed jinzamm *party* bl-isem ta' Boogie Nights. Ikkonferma li kellhom jaghmlu tfittxija fuq persuna bl-isem ta' Malcolm Buttigieg u meta dan gie identifikat u gie mahrug 'il barra, warajh kienu hargu diversi persuni, fosthom l-imputat. Ikkonferma li t-tfittxija fuq Malcolm Buttigieg irrizultat fin-negattiv u kif regghu dahlu lura biex ikomplu fuq xogholhom, f'hin minnhom dar u nnota li PS 404 ma kienx qieghed aktar warajhom u hekk kif kien ser jaqbad il-*mobile* biex icempillu, PS 404 kien qed icempillu hu stess. Jixhed li PS 404 kien qallu li persuna li kienet ma' Malcolm Buttigieg kien tah daqqa u li kien gharfu. PS 635 kompla jixhed illi regghu marru fejn kien hemm Malcolm Buttigieg, regghu harguh 'il barra u sussegwentement Malcolm Buttigieg gie arrestat peress li dan ma riedx jghidilhom min kien qala' l-inkwiet ghall-ewwel. Ikkonferma li hu, cioé PS 635 hareg b' Malcolm Buttigieg, rega' dahal waqt il-*party* fejn dan ra lil PS 404 u lil PS 826 hergin bl-imputat fejn dan beda joffendi lil pulizija, ma riedx jimxi, beda jitmieghek ma' l-art u kellhom litteralment jerfghuh. PS 635 kompla jixhed illi l-imputat gie arrestat ukoll u li dan kompla joffendihom u xehed il-kliem li l-imputat beda jghid fil-konfront taghhom. Jixhed kif l-imputat beda jghidilhom li huwa jigi t-tifel ta' Pawlu s-Suldat li kien ser imur ghalihom u li kien ser iqattaghhom.

In kontro ezami, meta PS 635 gie mistoqsi jghid jekk kienux lebsin pajzana jew inkella bl-uniformi, ikkonferma li kienu pajzana. Jispjega li meta kien inhareg Malcolm Buttigieg l-ewwel darba 'il barra, fejn mieghu kien hemm l-imputat, identifikaw ruhhom bhala Pulizija u li kienu ser jaghmlu tfittxija relatata ma' droga.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed ukoll **PS 826 Matthew Parnis** (*a fol.* 43 *et seq.*) li xehed li fil-lejl in kwistjoni kien xoghol fil-Boogie Nights. Jispjega kif gie mwaqqaf Malcolm Buttigieg, li saret tfittxija fuqu, liema tfittxija spiccat fin-negattiv. Ikkonferma li x'hin inhareg 'il barra dan Malcolm Buttigieg mieghu hargu grupp ta' nies, fost liema kien hemm l-imputat. Jixhed li PS 635 kien infurmah li PS 404 kien qed jipprova jaghmel kuntatt mieghu (ma' PS 635) u li PS 404 kien qalilhom li kien qala' daqqa ta' ponn minghand wiehed li minkejja li ma kienx jaf min hu pero' setgha jaghrfu. Jispjega kif rega' gie mwaqqaf Malcolm Buttigieg li ma riedx jghidilhom min kien ta din id-daqqa u waqt li kien qed jigi arrestat Buttigieg kien mar l-imputat li kien qal xi kliem vulgari (*a fol.* 43) li kkonferma li kien hu li kien ta d-daqqa ta' ponn. PS 826 ikompli jixhed li hekk kif sema' hekk, qabad lill-imputat minn idu u ma telqux u x'hin qabdu dan intelaq mal-art u beda jhoss hafna daqqiet gejjin minn warajh. Jispjega li sussegwentement l-imputat gie mmanettjat u gie mahrug 'il barra.

In kontro ezami jispjega li sal-hin li kienet qed issir it-tfittxija fuq Buttigieg, ma kien ghad gralu xejn PS 404. Ikkonferma li nqala' dak li nqala' meta PS 404 kien fl-ahhar tal-grupp peress li huma kienu hergin wiehed wara l-iehor.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, xehed l-i**Spettur Herman Mula** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn dan qal li kien rcieva telefonata minghand PS 635 li kien infurmah li PS 404 kien qala' daqqa ta' ponn minghand persuna waqt li kien qed jaqdi dmirijietu gewwa l-Boogie Nights fl-4 ta' Marzu 2012. Jispjega li kien sab lill-imputat go l-*lock up* u li dan ma tantx kien tah sodisfazzjon ta' dak li gara u ta' dak li ma garax, u b'hekk kellmu 'l ghada filghodu. Jixhed

rigward dak li rrizultalu u li kienet ittiehdet stqarrija tal-imputat fil-prezenza ta' l-iSpettur Nikolai Sant, liema stqarrija tinsab *a fol.* 11 *et seq.* tal-process.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 xehed ukoll **PC 323 Cedric Buhagiar** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn dan spjega li fil-lejl in kwistjoni kienu marru fejn kien qed jinzamm *party* msejjah Boogie Nights. Jispjega kif saret tfittxija fuq Malcolm Buttigieg, liema tfittxija rrizultat fin- negattiv, u li wara ftit ndunaw li PS 404 ma kienx ghadu maghhom. Jixhed li wara li lemhuh fil-folla, dan qalilhom li persuna li kienet ma' Buttigieg kien tah daqqa ta' ponn. Jispjega li hu (PC 323) u l-kollegi tieghu hargu l-grupp kollu ta' Buttigieg barra u li f'hin minnhom il-kollegi tieghu nfurmawh li l-imputat kien ammetta li kien ta daqqa ta' ponn lil PS 404. Jispjega kif l-imputat beda jipprovoka lil PS 404 u beda jghidlu li kien hu li kien tah id-daqqa ta' ponn u qallu *"ifqaghli wicci issa"* (*a fol.* 105). Jixhed li Buttigieg u l-imputat gew eskortati lejn id-Depot u komplew l-investigazzjonijiet.

In kontro-ezami, meta x-xhud gie mistoqsi jghid jekk kienux lebsin pajzana, jghid li kienu mhalltin: kien hemm dawk li kienu pajzana u kien hemm dawk li kienu bl-uniformi. Gie mistoqsi wkoll jekk PS 404 kienx liebes pajzan u x-xhud wiegeb fl-affermattiv. PC 323 jispjega wkoll li l-kollegi tieghu kienu nfurmawh li l-imputat kien ammetta li kien hu li kien ta d-daqqa.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) imputazzjoni**

Illi, fl-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat jinsab akkuzat bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta’ dana r-reat jista’ jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

“Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e’ indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignita’; avesse pure quest’ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all’esercizio di esse sussisterebbe sempre.”

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew ta’ persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li kien qed jinzamm *party* bl-isem ta’ Boogie Nights taht it-tinda f’Ta’ Qali fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Marzu 2012. Dan gie ikkonfermat mix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni. *Da parte* taghha d-difiza targumenta li l-Prosekuzzjoni kellha tressaq bhala xhud lil Malcolm Buttigieg u li ma kienx hemm provi bizzejjed li effettivament kien l-imputat li kien ta d-daqqa lil PS 404.

Illi minkejja li rrizulta li fil-*party* imsemmi kellhom jintlibsu xi lbies differenti minn tallum, il-Pulizija li xehdu kollha kkonfermaw li kienu raw lill-imputat bhala wiehed min nies li kienu hargu ma’ Buttigieg meta dan kienet ser issirlu tfittxija. Da parte tieghu, PS 404 spjega kif ra lill-imputat jaghtih daqqa ta’ ponn u li minkejja li sa dakinhar ma kienx ghadu jaf min kien l-imputat pero setgha jara wiccu u b’hekk gharfu peress li ra wiccu sew. Minkejja li d-difiza targumenta li bin-nies li setgha kien hemm fil-*party* u minhabba li fil-hin li nqala’ setgha kien hemm konfuzjoni u b’hekk id-difiza tipprova tnaqqas mis-sahha tal-provi tal-Prosekuzzjoni, pero jibqa’ l-fatt li jekk xi hadd ser jaqla’ daqqa ta’ ponn minn xi hadd, huwa ovvju li min ser jaghti d-daqqa ser ikun vicin hafna tal-vittma u b’hekk ikun facli ghall-vittma li taghraf lil min ikun taha d-daqqa. Ma jirrizultax li l-imputat kien libes xi maskra, u b’hekk m’hemmx dubju li wicc l-imputat setgha jingharaf. Apparti dan, fix-xiehda tieghu PS 826 Matthew Parnis xehed kif kien sema lill-imputat jikkonferma li kien hu li kien ta d-daqqa lil PS 404 meta l-imputat qal dan il-kliem: *“jiena t-tifel ta’ s-suldat u jien tajthielek id-daqqa ta’ ponn”* (*a fol.* 43). Da parti tieghu anke PC 323 xehed fuq l-istess linji meta qal: *“kif kont qieghed ghassa ma’ Jean Claude Mercieca s-Surgent 404 gie hdejja u beda jipprovokah qallu speci jien tajthielek d-daqqa ta’ ponn qallu ifqghali wicci issa”* (*a fol.* 104-105).

Illi, minkejja li ma giex imressaq bhala xhud Malcolm Buttigieg mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni m’hemmx dubju li effettivament l-imputat kien ta d-daqqa ta’ ponn lil PS 404.

Illi, m'hemmx dubju anqas li minkejja li PS 404 kien liebes pajzan, illi l-imputat kien jaf li PS 404 kien effettivament ufficjal tal-Pulizija *stante* li qabel li nqala' dak li nqala', gie pruvat li meta kienet ser issir tfittxija fuq Buttigieg, mieghu kien mar l-imputat, flimkien ma' nies ohra, u li l-Pulizija identifikaw ruhhom bhala tali.

Illi rrizulta mill-provi li l-imputat beda jghid diversi kliem fosthom li kien t-tifel ta' Pawlu s-Suldat li kien ser imur ghall-Pulizija u li kien ser iqattaghhom.

Illi m'hemmx dubju li l-provi prodotti juru li hemm l-elementi kollha ta' Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

Illi jirrizulta li in segwitu tad-daqqa ta' ponn li l-imputat ta lil PS 404, PS 404 spicca bi ksur fix-xedaq ta' fuq u li l-griehi gew klassifikati bhala ksur minn Dr. Andrew Atkins li kkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu u li jinsab *a fol.* 13. Jirrizulta wkoll li dan il-ksur gab dak li jistipula Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**<u>Ir-Raba (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**

Illi dawn huma kontravenzjonijiet li l-Prosekuzzjoni ppruvat izda dawn jistghu jitqiesu assorbiti fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjoni ai fini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9.

**<u>Is-Sitt (6) u s-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**

Illi dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati u dana *stante* li gew esebiti z-zewg sentenzi li jaghmlu riferenza ghalihom iz-zewg imputazzjonijiet, minn liema sentenzi jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfronti taghha inghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat odjern Jean Claude Mercieca.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**
Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li l-imputat huwa recediv u b'hekk anke din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: il-fatt li l-imputat kellu 17 il-sena meta kkometta l-imputazzjonijiet odjerni u b'hekk ghandu jigi applikat Artikolu 37 tal-Kapitolu 9, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu, il-fatt li l-imputat ikkometta l-imputazzjonijiet odjerni waqt li kien taht kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor, u kif ukoll waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija. Ta' min jinnota li, minkejja li fi ftit xhur, l-imputat inghata *conditional discharge* fid-9 ta' Novembru 2011 u kif ukoll sentenza sospiza ta' prigunerija fid-9 ta' Frar 2012 (liema zewg sentenzi nghataw fuq akkuzi relatati ma' Pulizija), l-imputat xorta ma hax l-opportunita' moghtija lilu li jitghallem mill-izbalji tieghu u li ma jergghax jirripeti l-istess zball li sfortunatament huwa rega' kkometta fl-4 ta' Marzu 2012. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni moghtija minnha fit-23 ta' Lulju 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Mamo**[2] meta ntqal hekk:

[2] L-incident meritu ta' din il-kawza beda meta s-Surgent Cassar gibed l-attenzjoni ta' xi zghazagh li kienu biz-zwiemel li l-post fejn kienu, billi kien traffikuz, ma kienx indikat ghal dik l-attivita`. L-appellat Mamo – missier wiehed miz-zghazagh – deherlu li s-Surgent ma kellux ghalfejn jiccensura lil ibnu u, kelma ggib lill-ohra, is-Surgent u l-appellat spiccaw fl-idejn. Ghalkemm Mamo jichad li ta daqqa ta' ponn u qasam xofftejn is-Surgent, ma hemmx dubbju – u dan ikkonfermatu anke l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – li hekk gara. Fil-fehma tal-Qorti tali agir kien jirrikjedi piena karcerarja b'effett immedjat.

"Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega proprju fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** (li ghaliha rrefera l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu, *vide supra*): "…bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz"."

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li din id-darba timponi terminu ta' prigunerija effettiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 28B(1), 37, 49, 50, 95(1), 96(a), 216(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

- filwaqt li, fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, iggib fis-sehh is-sentenza ta' xahrejn (2) prigunerija li kienet giet sospiza ghall-erba' (4) snin, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' ghaxar (10) xhur prigunerija fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' **tnax (12) il-xahar prigunerija**;

- fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni il-Qorti taghzel li ma titrattax mar-reati li taghhom l-imputat kien gie liberat taht kundizzjoni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------